

Brussell, 31 ta' Ottubru 2023
(OR. en)

14702/23

EDUC 404
GENDER 195
JEUN 248
EMPL 513
DIGIT 236
SOC 723

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Nattiraw talent femminili għad-dixxiplini tax-xjenza, it-teknoloġija, l- inġinerija, l-arti u l-matematika (STEAM) <i>- Dibattitu ta' orjentazzjoni</i>

Wara konsultazzjoni mal-Kumitat tal-Edukazzjoni, il-Presidenza ħejjiet in-nota ta' informazzjoni meħmuża, li qed tiġi ppreżentata bħala l-bażi għad-dibattitu ta' orjentazzjoni li ser isir fil-laqgħa tal-Kunsill Edukazzjoni, Żgħażaġħ, Kultura u Sport tat-23 ta' Novembru 2023.

Nattiraw talent femminili għad-dixxiplini tax-xjenza, it-teknoloġija, l-inġinerija, l-arti u l-matematika (STEAM)*Nota ta' informazzjoni mill-presidenza*

It-trasformazzjoni teknoloġika hija element essenzjali għall-progress ekonomiku u soċjali tal-Unjoni Ewropea (UE) u tal-bqija tad-dinja. Fl-istess ħin, l-iżvilupp tal-intelliġenza artifiċjali aktarx li jkun element li ser ikollu impatt straordinarju f'futur li diġà beda. Konsegwentement, id-domanda kemm tas-settur tal-manifattura kif ukoll tas-suq tax-xogħol għal aktar professjonisti bi profili STEAM¹ qed tikber. Is-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ għandhom ir-responsabbiltà li jwieġbu għal din id-domanda. Biex jingħelbu l-isfidi tal-futur, ser ikun meħtieġ li jiġi galvanizzat it-talent taż-żgħażaġh kollha tagħna. Madankollu, għadd sostanzjali – b'mod partikolari l-bniet u n-nisa żgħażaġh – għadhom jagħżlu perkorsi ta' taħriġ lil hinn mix-xjenza u t-teknoloġija.

¹ Kif indikat fit-titlu, STEAM huwa l-akronimu għax-Xjenza, it-Teknoloġija, l-Inġinerija, l-Arti u l-Matematika. F'dan id-dokument, l-A hija inkluża u tirrappreżenta l-arti, l-innovazzjoni u l-kreattività, bl-adozzjoni tal-viżjoni aktar integrattiva tal-Iskola tad-Disinn ta' Rhode Island fl-2010, fejn il-kreattività ssir fattur ewlieni għall-iżvilupp tal-kurżità, l-innovazzjoni u t-tfittxija għal soluzzjonijiet differenti.

L-aktar statistika reċenti turi l-persistenza tal-istereotipi tal-ġeneru fl-edukazzjoni². Pereżempju, fost il-membri tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD)³, l-għadd ta' nisa li jiksbu edukazzjoni terzjarja żdied b'mod konsiderevoli; fil-fatt, fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi, dawn diġà huma maġġoranza. Il-proporzjon ta' nisa f'oqsma relatati mal-edukazzjoni (80 %), is-saħħa (80 %) u x-xjenzi soċjali (70 %) baqa' relattivament stabbli mill-2005 'l hawn. Madankollu, bejn l-2005 u l-2020, il-perċentwal ta' inġiniera nisa bilkemm inbidel u baqa' madwar 25 %. L-aktar fatt inkwetanti, madankollu, huwa li l-proporzjon ta' gradwati nisa f'oqsma relatati mal-ICT naqas bi tliet punti perċentwali, u llum jirrappreżenta biss 20 % tat-total.

L-iżbilanċ bejn l-istudenti rġiel u nisa fl-oqsma STEAM differenti jrid jiġi rrimedjat jekk irridu nnaqqsu d-disparità bejn il-ġeneri fl-impjiegi. Is-sitwazzjoni hija aggravata mill-fatt li "aktar jistgħu jispiċċaw inattivi n-nisa żgħażaġħ milli l-irġiel żgħażaġħ minħabba responsabbiltajiet ta' kura, fosthom biex jieħdu ħsieb it-tfal jew adulti dipendenti, jew responsabbiltajiet oħra personali jew tal-familja"⁴. Għalhekk, il-Kunsill jirrakkomanda li l-Istati Membri "jallinjaw l-offerti ta' impjieg mal-prinċipji rilevanti tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, filwaqt li jiżguraw ugwaljanza fit-trattament u l-opportunitajiet bejn in-nisa u l-irġiel fl-oqsma kollha".

-
- ² Brussino, O. u McBrien, J. (2022), *Gender stereotypes in education: Policies and practices to address gender stereotyping across OECD education systems*, Dokumenti ta' Ħidma dwar l-Edukazzjoni tal-OECD, Nru 271, Pubblikazzjoni tal-OECD, Pariġi.
- ³ Encinas-Martín, M. u Cherian, M. (2023), *Gender, Education and Skills: The Persistence of Gender Gaps in Education and Skills*, Studji dwar il-Ħiliet tal-OECD, Pubblikazzjoni tal-OECD, Pariġi.
- ⁴ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-30 ta' Ottubru 2020 dwar Pont għall-Impjiegi – It-tisħiħ tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ u li tissostitwixxi r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' April 2013 dwar l-istabbiliment ta' Garanzija għaż-Żgħażaġħ (ĠU C 372, 4.11.2020, p. 1).

L-ekwità, l-inklużjoni u l-promozzjoni ta' vokazzjonijiet fl-oqsma STEAM huma kruċjali għall-Kunsill tal-UE. Għaldaqstant, "l-edukazzjoni u t-taħriġ inklużivi jinvolve wkoll l-iżvilupp ta' sensittività tal-ġeneru fil-proċessi tat-tagħlim u fl-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u t-taħriġ u l-isfidar u l-eliminazzjoni tal-isterjotipi tal-ġeneru, speċjalment dawk li jillimitaw l-għażliet tas-subien u l-bniet għall-qasam ta' studju tagħhom"⁵.

Illum, hemm diffikultajiet serji biex jiġu indirizzati t-talbiet tal-professjonisti STEAM mis-settur tal-manifattura. Il-pajjiżi kollha jeħtieġu aktar nies, irġiel u nisa, imħarrġa f'dawn l-oqsma. Jekk in-nisa żgħażaġh jingħaqdu magħhom bl-istess mod bħall-pari maskili tagħhom, il-problema titnaqqas b'mod sostanzjali.

L-ugwaljanza bejn il-ġeneri mhijiex biss imperattiv morali, iżda wkoll fattur ewlieni fil-ħolqien ta' ekonomiji aktar b'saħħithom, aktar sostenibbli u aktar inklużivi. Il-pajjiżi tal-UE huma konxji bis-siġh tal-isfida li s-sitwazzjoni attwali toħloq għas-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ tagħna u, fl-aħħar mill-aħħar, għall-avvanz u l-progress tal-pajjiżi tagħna. Huma jirrikonoxxu wkoll li l-għadd kbir ta' inizjattivi implimentati mhux qed jagħtu r-riżultati mistennija. It-thegħgiġ tal-motivazzjoni u l-interess tal-bniet u n-nisa żgħażaġh fl-oqsma STEAM fil-livelli kollha tal-edukazzjoni u t-taħriġ – b'mod partikolari fl-edukazzjoni għolja, inkluż kemm il-VET ogħla kif ukoll l-università – għadu wieħed mill-isfidi l-kbar tas-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ tagħna. Jekk ninnexxu, dan jgħin biex isir progress biex tintemm is-segregazzjoni fl-impjiegi. Barra minn hekk, il-parteċipazzjoni tan-nisa ser itejjeb ir-rispons għall-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol u, fl-aħħar mill-aħħar, ser jitrappaw l-iżvilupp ekonomiku u soċjali fil-pajjiżi tagħna.

⁵ Ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar qafas strateġiku għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ lejn iż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni u lil hinn (2021-2030), (ĠU C 66, 26.2.2021, p. 1).

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Presidenza tistieden lill-Ministri jikkunsidraw il-mistoqsijiet hawn taħt għal diskussjoni dwar is-suġġett.

Mistoqsijiet għad-diskussjoni:

- X'taħseb li huma l-akbar sfidi biex titnaqqas id-disparità bejn il-ġeneri fid-dixxiplini STEAM?
- Liema inizjattivi jistgħu jitnedew, kemm fil-kuntest nazzjonali kif ukoll f'dak Ewropew, biex jattiraw it-talent femminili lejn l-oqsma tal-edukazzjoni u t-taħriġ STEAM?
